MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 83/2022 LM

**Caroline Muscat**
*('l-appellata')*

***vs.***

**National Statistics Office**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul min-**National Statistics Office (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'it-Tribunal'], tad-9 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'il-Kummissarju'] tat-23 ta' Lulju, 2021. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija, l-appellant ġie ordnat jipprovdi lill-appellata

**Caroline Muscat** kopji tal-ħlasijiet, inklużi *direct orders li* saru lil Media Today Co. Ltd, lil Business2Business Co. Ltd u lil Saviour Balzan. It-Tribunal iddeċieda li dawn id-dokumenti għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-appellata fi żmien għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju.

**Fatti**

2. Fis-27 ta' Diċembru, 2020, l-appellata Caroline Muscat talbet lill-appellant jipprovdilha lista tal-kuntratti u/jew ħlasijiet kollha li saru jew li ġew maqbula bejn l-appellant u d-dipartimenti kollha li jaqgħu taħtu, u MediaToday Co. Ltd., Business2Business Ltd jew Saviour Balzan, flimkien mad-dettalji relattivi, u dan *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni). Fis-27 ta' Jannar, 2021, l-appellant bagħat jinforma lill-appellata li t-talba tagħha ma kinitx qegħda tintlaqa' *ai termini* tal-artikolu 14(g) tal-Att, u dan għaliex id-dokumenti mitluba ma kinux fil-pussess tiegħu. L-appellata ma kinitx sodisfatta b'din it-tweġiba, u għalhekk talbet lill-appellant jirrikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu *ai termini* tal-Att. Fit-23 ta' Frar, 2021, l-appellant ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu u infurma lill-appellata illi,

> "(a) *request for access to documents in terms of article 2 refers to an official document held by a public authority. The Act, in no way or manner, mentions the obligation to compile information which is miscellaneous in nature and may not be categorized in filing systems in the way referred to in the request."*

3. L-appellata ressqet ilment dwar din id-deċiżjoni quddiem il-Kummissarju, fejn qalet li l-informazzjoni mitluba minnha hija fl-interess pubbliku,

tikkonċerna awtorità pubblika li tamministrata fondi pubbliċi, u li għandha l-obbligu li tiġbor l-informazzjoni mitluba sabiex tkun trasparenti.

**Mertu**

4. Fil-15 ta' Marzu, 2021, l-appellant ipprovda lill-Kummissarju b'*sample documentation*, u kkonferma li kien hemm numru ta' aġenziji ta' reklamar, fosthom Media Today Co. Ltd. u Saviour Balzan, li ntalbu jipprestaw servizzi ta' reklamar. L-appellant qal li madanakollu huwa m'għandux lista tal-kuntratti u ħlasijiet kollha li saru lil dawn il-kumpanniji, u kien għalhekk li t-talba tal-appellata ġiet miċħuda *ai termini* tal-artikolu 14(g) tal-Att. Qal ukoll li huwa m'għandu l-ebda obbligu impost mil-liġi li jżomm dokumentazzjoni bħal din, u d-definizzjoni ta' "dokument" *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Att tirreferi biss għal dokument li jeżisti diġà u li jkun maħżun f'sistema ta' *filing* fiżika jew *online,* u għalhekk l-ispirtu tal-liġi huwa li talbiet bħal dawn għandhom jirreferu biss għal dokumenti li jkunu diġà disponibbli. Qal ukoll li l-artikolu 14 tal-Att jirreferi għal dokumenti li diġà jeżistu u li jistgħu jiġu żvelati lill-pubbliku, u l-appellata qegħda titlob lista ta' kuntratti u ħlasijiet li saru lil kumpanniji speċifiċi u lil persuna fiżika partikolari, iżda ma pprovdietx informazzjoni suffiċjenti sabiex l-awtorità pubblika in kwistjoni tidentifika x'dokumenti qegħdin jintalbu *ai termini* tal-artikolu 6(1)(b) tal-Att. L-appellant qal ukoll li l-appellata qegħda titlob dokumenti tal-*accounting* li jinżammu taħt proċessi speċifiċi, u għalhekk huwa impossibbli għalih li jiġbor u jipprovdi l-informazzjoni mitluba minnha, minħabba n-natura vasta tat-talba tal-appellata.

5. Minkejja dawn is-sottomissjonijiet, il-Kummissarju ddeċieda li l-appellanta għandha dokumentazzjoni li trid tiġi pprovduta lill-appellata, u li m'hemm l-ebda impediment legali li għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-appellata. Konsegwentement, il-Kummissarju ordna lill-appellant sabiex jipprovdi lill-appellata b'kopji tal-ħlasijiet li saru lill-kumpanniji Media Today Co. Ltd. u Business2Business Ltd u lil Saviour Balzan, fir-rigward ta' servizzi pprestati minnhom mill-2013 'il quddiem.

6. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat quddiem it-Tribunal. L-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija għal kollox karenti minn xi xorta ta' motivazzjoni jew spjegazzjoni, u fid-deċiżjoni imkien ma ngħataw ir-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-appellata ġew milqugħa. L-appellant jikkontendi wkoll li filwaqt li l-Kummissarju qal li d-deċiżjoni tiegħu ingħatat skont l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan xorta waħda naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal li l-Kummissarju kellu l-obbligu li bid-deċiżjoni tiegħu jagħti s-serħan il-moħħ li huwa kkonsidra l-argumenti kollha tal-każ, u li tali motivazzjoni hija meħtieġa għal raġunijiet ta' trasparenza.

7. L-appellant qal ukoll li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija *ultra vires* u *extra petita.* L-appellant spjega li huwa wieġeb li ma jinsabx fil-pussess tal-informazzjoni mitluba mill-appellata, u lanqas m'għandu informazzjoni li hemm xi awtorità pubblika oħra li għandha din l-informazzjoni. Qal li hemm differenza bejn il-lista tal-kuntratti u pagamenti mitluba, u d-dokumenti tal-kuntratti u l-pagamenti nfushom li l-Kummissarju ordnalu jippreżenta. Qal li l-Kummissarju ma kellu ebda kompetenza jordna l-esebizzjoni ta' dokumenti li lanqas biss ġew

mitluba mill-appellata, jiġifieri l-kopja tal-kuntratti u l-pagamenti nfushom, u għalhekk il-Kummissarju ta lill-appellata xi ħaġa li lanqas biss ġiet mitluba minnha. Qal ukoll li minkejja li l-appellata llimitat it-talba tagħha sad-data tar-rikjesta tagħha, il-Kummissarju ddeċieda li d-dokumenti prodotti għandhom ikunu dawk sad-data tad-deċiżjoni tiegħu. Qal li għalhekk il-Kummissarju mar *ultra vires* il-kompetenza tiegħu, u dan għaliex huwa kellu jiddeċiedi biss jekk id-dokumenti mitluba speċifikament fit-talba tal-appellata humiex suġġetti għall-eżenzjoni msemmija mill-appellant jew le, u l-Kummissarju m'għandu l-ebda jedd imur oltre minn hekk. L-appellant qal li minn imkien fil-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ma toħroġ il-kompetenza tal-Kummissarju li jordna l-produzzjoni ta' dokumenti li ma ġewx mitluba mill-appellata. Qal ukoll li b'din id-deċiżjoni l-Kummissarju naqas milli japprezza r-raġunijiet li tat l-appellanta in sostenn tad-deċiżjonijiet tagħha. Qal li d-dokument mitlub mill-appellata ma jeżistix, u dan l-argument tagħha fl-ebda waqt ma ġie meqjus mill-Kummissarju. Qal li għalhekk il-Kummissarju interpreta t-talba tal-appellata b'mod għal kollox arbitrarju mingħajr raġuni għal dan, u d-deċiżjoni li wasal għaliha hija għal kollox *ultra vires* il-kompetenza tiegħu, u hija wkoll *extra petita.* L-appellant qal ukoll li bid-deċiżjoni *extra petita* mogħtija mill-Kummissarju, huwa ma kellux l-opportunità jeżamina jekk id-dokumentazzjoni li ġie ordnat jippreżenta għandhiex tingħata lill-appellata jew le, u jista' jagħti l-każ li dawn id-dokumenti mhumiex fl-interess pubbliku. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju hija għal kollox irregolari u illegali.

8. L-appellant ilmenta wkoll li fil-każ odjern id-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ntużatx b'mod korrett. Qal li l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jirreferi għal dokumenti eżistenti, u l-ispirtu tal-Att huwa sabiex il-pubbliku jkollu aċċess

għal dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. L-appellant qal li fil-fatt il-Kummissarju lanqas ordna l-produzzjoni tad-dokument mitlub, u dan stante li dan id-dokument ma jeżistix, iżda ordna l-produzzjoni ta' dokumenti oltre dawk rikjesti.

9. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li l-ewwel aggravju tal-awtorità appellanta huwa frivolu u vessatorju, stante li d-deċiżjoni appellata tinkludi l-motivazzjoni għalfejn il-Kummissarju wasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha. Qalet li l-Kummissarju kien iffaċċjat bl-istess dokumenti li ġew mitluba minnha, u għalhekk dan ma kellu l-ebda għażla għajr li jilqa' t-talbiet tagħha. L-appellata qalet li fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju għamel riferiment estensiv għal dak sottomess lilu, inkluż ir-raġunijiet għaliex l-appellant oġġezzjona għat-talbiet tal-appellata, u għalhekk ma jistax jingħad li dawn ma ġewx elenkati jew meħuda in konsiderazzjoni. L-appellata qalet li l-Kummissarju imbagħad ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dawk is-sottomissjonijiet li saru, wara li għamel apprezzament tal-evidenza li kellu quddiemu, u qies li d-dokumenti mibgħuta lilu, skont l-apprezzament li għamel hu ta' dawk id-dokumenti, jinkwadraw ruħhom fit-talba tagħha.

10. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li anki dan huwa frivolu u vessatorju, u t-talba tagħha kienet għall-produzzjoni ta' informazzjoni li awtorità pubblika serja bħall-appellant suppost li tista' tipproduċi b'sempliċi *export* jew *print out* mis-sistema tal-*accounting* tagħha. Qalet li fil-fatt hija bagħtet l-istess talba lil għadd ta' awtoritajiet oħrajn li lkoll issodisfaw it-talba tagħha mingħajr problemi ta' xejn, iżda l-appellant qiegħed jgħid li mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel l-istess, jew li huwa ma kellux din l-

informazzjoni lesta sabiex tiġi trasmessa lill-awdituri tiegħu jew lill-Ministeru tal-Finanzi jew lil min jieħu ħsieb il-Gazzetta tal-Gvern. L-appellata qalet li l-Kummissarju fil-fatt sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, inkluż l-argumenti tal-appellant, u wara li ra d-dokumenti mibgħuta lilu bħala *sample documentation*, ikkonkluda li l-appellant fil-fatt kellu d-dokumenti mitluba mill-appellata fil-pussess tiegħu. B'riferiment għall-argument tal-appellant li l-Kummissarju ma kellux jedd jordna l-aċċess għad-dokumenti mitluba, l-appellata qalet li *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Att, il-Kummissarju għandu wkoll il-jedd li jeżamina u jiddeċiedi mhux biss dwar l-aċċess għad-dokumenti mitluba, iżda wkoll dwar fost affarijiet oħra, il-mod kif ġiet ittrattata t-talba.

11. B'riferiment għat-tielet aggravju sollevat mill-appellant, l-appellata qalet li anki dan huwa frivolu u vessatorju, u li mhux ir-rwol tat-Tribunal li jirrevedi d-diskrezzjoni diġà eżerċitata, sakemm m'hemmx raġunijiet serji biex isir dan. L-appellata qalet li l-Kummissarju mhux talli fehem l-argumenti tal-appellant, talli fehemhom u skartahom, u dan wara li l-appellant ikkonferma li kien żamm dokumenti rilevanti għat-talba tal-appellata, u saħansitra pprovda kopja tagħhom lill-Kummissarju.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

12. Permezz tad-deċiżjoni appellata mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud, u

konsegwentement ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*L-ewwelnett l-appellanti huwa awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk bħala awtorità pubblika kif sewwa jikkontendi l-Kummissarju f'para. 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, hija titħallas minn fondi pubbliċi u dan iwassal għall-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus, għand min u għaliex.*

***Rigward l-ewwel aggravju** li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-23 ta' Lulju, 2021 ċioe li d-deċiżjoni mhix motivata, hija qasira u bbażata fuq l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan it-Tribunal jirrileva li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, taqbel magħha jew ma taqbilx, hija bbażata fuq il-motivazzjoni mogħtija fil-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Fir-rigward ta' dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell sede Inferjuri per Imħ. Sciberras tal-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Tomlin Company Limited v Jon David Limited liema Qorti ddeċidiet li Qorti mhijiex strettament obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni trid tkun motivata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġa għal validità tas-sentenza li telabora oltre dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju elenka fil-parti intitolata* Legal analysis and Decision *u abbażi tal-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieħed jista' ma jaqbilx ma' din il-motivazzjoni msemmija f'dawn il-paragrafi iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhix waħda motivata anzi kienet ibbażata fuq osservazzjonijiet magħmula f'para 7 sa para 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*
***It-tieni aggravju** tal-appellanti, huwa li l-Kummissarju ddeċieda billi ordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-appellata* – ultra vires *u* extra petita *ċioe li l-ordni sabiex jiġu esebiti l-kuntratti meta t-talba ta' Caroline Muscat hija sabiex jiġu esebiti l-lista tal-kuntratti.*

*It-talba tal-appellata hija hekk:*

list of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the NSO or any of its departments and Mediatoday Co. Ltd, Business2Business Ltd or

Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/direct order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorising the respective contract/payment."

*Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna hemm l-*'extra petita' *jew l-*'ultra petita' *meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata ..." (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imħ. Sir Anthony J Mamo deċiża fis-6 ta' Novembru, 1961 fl-ismijiet Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici).*

*Illi mit-talba tal-appellata li saret lill-Kummissarju jirriżulta ċar li meta hija talbet lista tal-kuntratti eċċ hija ssostanzjat dan bis-segwenti ċioe "*entered into between the Commission, etc".

*Illi mill-atti jirriżulta li l-Kummissarju wara talba espliċita li għamel abbażi tal-artikolu 24 tal-Kap. 496 ġie mogħti lilu* sample documentation *mill-appellanti u li l-istess appellant ikkonferma li għandu dokumenti li juru li tabilħaqq saru pagamenti mill-appellanti lil kumpanniji u lill-persuna indikati fir-rikjesta.*

*Illi dan it-Tribunal kellu jgħaddi kopja ta' dawn id-dokumenti lill-appellata.*

*Illi l-appellanti ppreżenta irċevuti tal-pagamenti li għamel lil MediaToday Co. Ltd mar-rikors tal-appell tiegħu.*

*Li għalhekk ma għandux raġun l-appellanti meta f'dan l-aggravju jallega li se mai il-Kummissarju kellu jordnalha tippreżenta l-lista tal-kuntratti eċċ u mhux il-kuntratti per se u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju ma jistax jingħad li tmur oltre dak rikjest mill-appellata Caroline Muscat f'dan ir-rigward.*

*Illi l-***artikolu 2 tal-Kap. 496** *jagħti tifsira ta' 'dokument' u l-informazzjoni mitluba mill-appellanti taqa' taħt din it-tifsira.*

*Issa jekk l-appellanti ma għandu ebda dokumenti li jiġġustifikaw tali pagamenti, huwa għandu jagħti informazzjoni abbażi ta' xiex saru dawn il-pagamenti ċioe hux b'*direct order *jew mod ieħor.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

***Dwar it-tielet aggravju*** *l-appellanti tilmenta li l-Kummissarju naqas li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett meta interpreta t-talba tal-appellanti bħala li tinkludi l-kuntratti per se u mhux lista ta' kuntratti.*

*Dwar dak li qed jikkontendi l-appellanti ċioe li d-dokumenti mitluba ma jeżistux, iżda d-dokumenti annessi mal-appell tal-appellanti juru li pagamenti kienu joħorġu, sta għall-appellanti li jipprova li tali pagamenti saru mingħajr kuntratt u/jew* b'direct order *u hawnhekk dan it-Tribunal jagħmel referenza għal para 10 tar-risposta tal-Kummissarju tat-23 ta' Lulju, 2021 li tgħid li l-appellanti kkonferma miegħu li għandu kopja tad-dokumenti li saru in konnessjoni ma' dak mitlub mill-appellata.*

*Dan it-Tribunal filwaqt li jagħmel referenza għal dak rilevat minnu dwar it-tieni aggravju tal-appellanti, jirrileva wkoll li minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti qed tiġi ordnata tippreżenta xi dokument jew dokumenti li ma jeżistux.*

*Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*Dan it-Tribunal għalhekk qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li minnha sar dan l-appell."*

**<u>L-Appell</u>**

13. L-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tat-30 ta' Ġunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell interpost minnu bħala fondat, u tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata tad-9 ta' Ġunju, 2022, u tħassar ukoll l-ordni tal-Kummissarju tat-23 ta' Lulju, 2021.

14. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal naqas milli jikkonsidra t-tieni aggravju tiegħu, jiġifieri li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija *ultra vires* u *extra petita.* Qal li t-tieni aggravju tiegħu kien ibbażat fuq il-premessa ċara u inekwivoka li l-ordni tal-Kummissarju biex huwa jipprovdi kopja ta' kuntratti u pagamenti minflok dak mitlub mill-appellata, jiġifieri lista ta' kuntratti u pagamenti, u l-ordni tal-Kummissarju li huwa għandu jipprovdi tali dokumenti sad-data tal-avviż tad-deċiżjoni minflok sad-data tar-rikjesta tal-appellata, kienet deċiżjoni *ultra vires* u *extra petita.* Qal li t-Tribunal ken

mistenni li jippreżenta raġunijiet ċari għalfejn ma kienx qiegħed jilqa' dan l-aggravju. Żied jgħid li wieħed ma jistax jekwivali talba għall-produzzjoni ta' lista, ma' talba għall-produzzjoni ta' kuntratti formanti parti minn dik il-lista, u li kieku l-appellata riedet titlob li jiġu ppreżentati l-kuntratti, hija kellha tagħmel talba appożita għal dan. L-appellant qal li l-appellata ma talbitx dan, u kull ma talbet hija sempliċi lista, iżda l-Kummissarju ordna li jiġu ppreżentati l-kuntratti u l-pagamenti nfushom. Qal li għalhekk l-ordni tal-Kummissarju tmur kontra l-ispirtu tal-liġi, liema spirtu huwa mfassal fuq il-prinċipju tat-trasparenza u tal-proporzjonalità. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra kif id-deċiżjoni tal-Kummissarju lilu poġġietu fi żvantaġġ minħabba li huwa lanqas seta' jagħmel sottomissjonijiet dwar dak li ġie ordnat jippreżenta. Qal li għalhekk il-Kummissarju lilu poġġieh f'sitwazzjoni fejn ma setax jiddefendi l-kawża tiegħu, għaliex il-mertu tal-ordni tiegħu qatt ma ġie diskuss minnu. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal kien żbaljat għaliex ta l-impressjoni li l-ordni tal-Kummissarju għandha tiġi mħarsa għaliex dan ordna l-produzzjoni ta' inkartament li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'dokument' fil-liġi. Qal iżda li l-Kummissarju ma seta' qatt jordna l-produzzjoni ta' dokumenti li huma differenti minn dak mitlub mill-appellata.

15. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal lanqas ma kkonsidra b'liema mod ġiet milqugħa t-talba tal-Kummissarju li tingħata l-informazzjoni sad-data tad-deċiżjoni minflok sad-data tat-talba tal-appellata. Qal li t-talba tal-appellata saret fis-27 ta' Diċembru, 2020, iżda d-deċiżjoni tal-Kummissarju ngħatat fis-26 ta' Lulju, 2021, u għalhekk laħqu għaddew seba' xhur bejn id-data tat-talba tal-appellata u d-data tad-deċiżjoni tal-Kummissarju. L-appellant qal li din il-Qorti

għandha ssib li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija *extra petita* u *ultra petita,* u li għalhekk hija nulla u għandha titħassar.

16. L-appellant qal ukoll li l-ordni li d-dokumentazzjoni tiġi mgħoddija lill-appellata sempliċiment għaliex kienet għaddiet lill-Kummissarju, tmur kontra l-ispirtu tal-liġi. Qal li l-fatt li tul il-proċeduri quddiem il-Kummissarju jkunu ġew ippreżentati dokumenti, ma jnaqqas xejn mill-argumenti li jkun għamel l-appellant li dawn id-dokumenti m'għandhomx jingħataw lil min ikun għamel it-talba. L-appellant saħaq li kieku dan kellu jiġi aċċettat, kwalsiasi appell min-naħa tal-awtorità pubblika minn deċiżjoni tal-Kummissarju appellat ma jistax ikollu effettività legali, stante li jekk l-awtorità pubblika tkun ordnata tgħaddi d-dokumenti lill-parti appellata, il-proċeduri quddiem il-Kummissarju jistgħu jintużaw bħala metodu biex l-applikant jikseb dak li l-liġi ma tippermettilux. L-appellant sostna li l-iskambju tad-dokumenti mal-Kummissarju għandu jkun proċess kunfidenzjali u intiż biex il-Kummissarju jkun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-pubbliċità o meno tad-dokument, u d-deċiżjoni finali dwar il-produċċibilità ta' dawn id-dokumenti m'għandhiex tiġi ppreġudikata b'ordni li d-dokumenti għandhom jiġu mgħoddija lill-parti li tkun talbithom, sempliċiment għax dawn ikunu ġew mgħoddija lill-Kummissarju skont il-liġi. Qal li l-argument tat-Tribunal li ladarba dawn id-dokumenti għaddew għand il-Kummissarju, dawn għandhom jingħataw lill-appellata, ma jreġix u għalhekk l-appell tiegħu għandu jintlaqa'.

**Ir-risposta tal-appell**

17. L-appellata fir-risposta tagħha eċċepiet li l-appellant naqas milli jindika n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata fir-rikors tal-appell tiegħu. Eċċepiet ukolll li l-Kummissarju li kien parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma ġiex indikat bħala parti appellata fir-rikors tal-appell. L-appellata qalet ukoll li dan l-appell għandu jiġi skartat għaliex jikkostitwixxi tentattiv ċar sabiex tiġi mminata l-ħidma ġurnalistika tagħha, u dik tan-*newsroom* li hija tifforma parti minnha. L-appellata qalet ukoll li l-appell odjern m'hu xejn għajr kontinwazzjoni ta' tattiċi wżati fil-konfront tagħha fi stadju aktar bikri tal-proċeduri, u dan sabiex hija tiġi sottoposta għal pressjonijiet finanzjarji u loġistiċi li jistgħu jxekkluha milli tiddefendi ruħha minn dawn l-appelli, u li huma maħsuba biex joħonqu u jimminaw l-operat tal-kamra tal-aħbarijiet immexxija minnha, u jagħmluha diffiċli għaliha li tikseb l-informazzjoni meħtieġa b'rabta mal-ħidma ġurnalistika tagħha. Qalet li l-informazzjoni mitluba minnha f'dan il-każ hija marbuta mal-infiq ta' fondi pubbliċi, u għalhekk il-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba minnha hija fl-interess tal-pubbliku in ġenerali. L-appellata qalet li dan l-appell, bħal oħrajn simili, ma huma xejn għajr kawżi SLAPP (*strategic lawsuits against public participation*).

18. L-appellata qalet li għall-appellant ma kienx biżżejjed li żewġ organi li statutorjament għandhom is-setgħa li jirrevedu l-aġir ta' entitajiet pubbliċi li jiddisponu minn fondi pubbliċi, ikkonkludew li l-appellant naqas mid-dover tiegħu li jkun *accountable* lejn il-pubbliku. Qalet li min jipprovdi fondi pubbliċi li tiddisponi minnhom awtorità pubblika, jiġifieri ċ-ċittadin, m'għandux jiġi mċaħħad minn din l-informazzjoni. Qalet ukoll li hija m'għandhiex l-istess riżorsi

finanzjarji u amministrattivi li għandu l-appellant, u ċerti entitajiet pubbliċi qegħdin jikkoordinaw bejniethom biex jippreżentaw appelli simili jew identiċi għal xulxin, fi pjan ikkoordinat biex l-obbligi ta' *accountability* li jinkombu fuqhom jiġu skartati. Qalet li minkejja dan hija qiegħda tirrispondi għall-mewġa ta' appelli li tinsab iffaċċjata bihom.

19. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ben motivata, kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-appellanti.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li hija ma tarax kif il-Kummissarju eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod skorrett jew b'mod li jmur oltre dak li tipprovdi għalih il-liġi, fatt dan li ġie kkonfermat mit-Tribunal. Qalet li l-appellant għamel enfasi fuq l-'ispirtu tal-liġi' sabiex jiġġustifika għaliex, skont hu l-Kummissarju ma messux irrilaxxa d-dokumentazzjoni pprovduta lilu. Qalet ukoll li l-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ppromulgat bl-iskop ewlieni li jassigura d-dritt għall-informazzjoni, u minkejja li l-istess liġi tipprovdi għal restrizzjonijiet għal dan id-dritt ta' informazzjoni, f'dan l-istadju ma nġab l-ebda argument li jimmilita favur l-invokar ta' xi waħda minn dawn ir-restrizzjonijiet, jew dwar xi nuqqas tat-Tribunal f'dan ir-rigward. L-appellata qalet li b'mod ġenerali l-appellant kellu juri li l-aggravju sollevat minnu huwa mistħoqq fuq livell ogħla minn appell 'normali', u dan għaliex il-każ odjern issa jinsab fit-tielet stadju tiegħu, id-deċiżjoni tal-Kummissarju, dik tat-Tribunal, u issa dan l-appell, u din l-argumentazzjoni l-appellant diġà ressaqha fil-fora l-oħra li taw id-deċiżjoni tagħhom. L-appellata qalet li din il-Qorti mhijiex tenuta tiddisturba jew tissindaka l-apprezzament tal-fatti relattivi, inkluż il-valutazzjoni u l-piż mogħti

lill-provi, kif ukoll l-applikazzjoni tal-liġi li saret mit-Tribunal. Qalet li huwa ċar li t-Tribunal kellu raġunijiet aktar minn fondati fil-fatt u fid-dritt biex jikkonferma d-deċiżjoni oriġinali tal-Kummissarju, u l-appellant qiegħed jipprova jaqleb deċiżjoni biex jevita li jottempera ruħhu mal-obbligu ta' kull entità pubblika li tagħti rendikont tal-infiq ta' fondi pubbliċi, u dan wara li ġie ordnat jagħmel dan mill-Kummissarju u mit-Tribunal. L-appellata saħqet li l-informazzjoni mitluba minnha oriġinarjament kienet u għadha tikkostitwixxi materja ta' interess pubbliku li tifforma d-dibattitu politiku fil-pajjiż, u dan ikompli juri kemm l-appell in kwistjoni huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, aktar u aktar fid-dawl tal-jedd fundamentali tal-appellata, li tirċievi u tagħti informazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferiment għan-nuqqasijiet indikati mill-appellata fir-rikors tal-appell tal-appellant, u ċjoé dwar il-fatt li n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata ma ġiex imniżżel fl-okkju tar-rikors tal-appell, u dwar il-fatt li l-Kummissarju ma ġiex iinkluż bħala wieħed mill-appellati f'dan l-appell. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda wieħed minn dawn in-nuqqasijiet proċedurali m'huwa tali li għandu jwassal għan-nullità tal-appell.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ma ħax konjizzjoni tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet* ultra vires *u* extra petita*]*

22. L-appellant saħaq li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra t-tieni aggravju tiegħu, fejn huwa sostna li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet *ultra vires* u *extra*

*petita.* Qal li l-appellata talbet lista ta' kuntratti u pagamenti li saru lill-kumpanniji u lill-persuna indikati mill-appellata fit-talba tagħha, filwaqt li huwa ġie ordnat mill-Kummissarju jipproduċi l-kuntratti nfushom. Qal ukoll li l-appellata talbet informazzjoni sad-data tat-talba tagħha, iżda huwa ġie ordnat mill-Kummissarju jipproduċi l-informazzjoni mitluba sad-data tad-deċiżjoni tal-Kummissarju, jiġifieri sas-26 ta' Lulju, 2021. Qal li din l-ordni tmur kontra l-ispirtu tal-liġi, u lilu poġġietu fi żvantaġġ għaliex huwa ma setax jagħmel sottomissjonijiet dwar dak li ġie ordnat jippreżenta.

23. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mhux minnu li t-Tribunal ma ħa l-ebda konsiderazzjoni tat-tieni aggravju sollevat mill-appellant fl-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Kummissarju, u dan għaliex it-Tribunal eżamina u ta tifsira tiegħu skont il-liġi tat-termini wżati mill-appellant sabiex jiġġustifika l-ilment tiegħu. Imma t-Tribunal kkonkluda li l-appellant ma kellux raġun jikkontendi li l-Kummissarju kien marbut jordnalu jippreżenta lista ta' kuntratti minflok il-kuntratti nfushom. It-Tribunal qies li l-Kummissarju stabbilixxa li kienu saru pagamenti mill-appellant lill-kumpanniji u lill-persuna indikati mill-appellata fit-talba tagħha, u dan permezz tad-dokumenti ppreżentati mill-appellant innifsu. Dan ifisser li mhux minnu li l-appellant ma kienx fil-pussess tal-informazzjoni mitluba mingħandu, u din l-informazzjoni kienet tinsab u setgħet tittieħed mid-diversi dokumenti li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu. Dan ifisser li l-konsiderazzjonijiet li għamlu kemm il-Kummissarju kif ukoll it-Tribunal dwar dan il-punt huma korretti, għaliex l-appellant m'huwa jintalab jippreżenta xejn li ma ġiex rikjest mill-appellata. Sempliċement qiegħed jintalab jippreżenta d-dokumenti fil-pussess tiegħu, sabiex permezz tagħhom l-appellata tkun tista' tikseb l-informazzjoni mitluba minnha. Il-Qorti tirrileva li l-appellant ma jistax

jippretendi li d-disposizzjonijiet tal-liġi, u t-talba tal-appellata, jingħataw interpretazzjoni restrittiva sal-punt li huwa jitħalla jeludi u jaħrab mill-obbligi tiegħu taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti taqbel għal kollox mal-konsiderazzjoni tat-Tribunal li l-informazzjoni mitluba taqa' taħt id-definizzjoni ta' 'dokument' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 496, u fil-każ odjern hija rilevanti l-ewwel parti ta' din it-tifsira, ċjoé li 'dokument' ifisser *'kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma'.* Għalhekk għandu jingħad li huwa irrilevanti jekk l-informazzjoni tingħatax fil-forma rikjesta jew f'xi forma oħra, u dan sakemm ir-rikjesta tintlaqa' fis-sustanza tagħha. Minn dan isegwi li l-Kummissarju kien korrett meta ddeċieda li l-appellant kien fil-pussess ta' dokumentazzjoni li kienet tissodisfa r-rikjesta tal-appellata, u b'hekk ordna li din tgħaddi għand l-appellata. Kien korrett ukoll it-Tribunal meta ma sab xejn x'jiċċensura fid-deċiżjoni tal-Kummissarju. Il-Qorti żżid tgħid li f'dan il-każ lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni tal-Kummissarju teżorbita t-talba tal-appellata għaliex ġiet ordnata l-produzzjoni ta' dokumenti sad-data tad-deċiżjoni mogħtija. Aktarx li meta l-appellata għamlet it-talba tagħha fis-27 ta' Diċembru, 2020, din ma kellha l-ebda raġuni għalfejn taħseb li t-talba tagħha kienet ser tiġi opposta, u li kien ser jiskatta proċess quddiem il-Kummissarju, li wassal għal appell quddiem it-Tribunal, sakemm l-appellant ġie ordnat jipproduċi d-dokumentazzjoni mitluba minnha. Il-Qorti tfakkar lill-appellant li l-Kummissarju għandu poteri estensivi taħt l-Att, u fil-mansjonijiet li huwa għandu jista' jqis jekk awtorità pubblika hijiex qed issegwi prattika tajba fir-rigward tat-talbiet għall-informazzjoni li jsirulha. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-ordni li d-dokumentazzjoni tiġi mgħoddija lill-appellata għaliex din kienet għaddiet għand il-Kummissarju, tmur kontra l-ispirtu tal-liġi]*

24. L-appellant jgħid ukoll li l-ordni li ngħatat li dokumenti ppreżentati quddiem il-Kummissarju jingħataw lill-appellata, tmur kontra l-ispirtu tal-liġi, u dan għaliex il-fatt li jkunu ġew ippreżentati xi dokumenti quddiem il-Kummissarju ma jfissirx li tneħħiet l-oġġezzjoni li kien hemm da parti tal-awtorità pubblika għall-iżvelar ta' dawn id-dokumenti lil min ikun għamel it-talba.

25. Hawnhekk l-appellant qiegħed jikkritika proċedura adoperata mit-Tribunal, li ordna li dokumenti li l-appellant ippreżenta lill-Kummissarju, jiġu mgħoddija lill-appellata. Il-Qorti tosserva li l-appellant fl-ebda waqt ma qal li l-informazzjoni mitluba mill-appellata hija informazzjoni eżentata, jew li mhux fl-interess pubbliku li din tiġi żvelata jew tiġi magħmula pubblika. Qal biss li l-informazzjoni mitluba ma kinitx fil-pussess tiegħu u li għalhekk ma setax jipprovdi  l-informazzjoni mitluba. Iżda l-Kummissarju ġie pprovdut b'*sample documentation* li tipprova l-kuntrarju ta' dak li asserixxa l-appellant, u ġie pprovdut b'informazzjoni li turi li fil-fatt l-appellant kellu f'idejh l-informazzjoni, jew parti sostanzjali mill-informazzjoni mitluba mill-appellata. Ladarba l-appellant fl-ebda waqt ma qal li l-informazzjoni mitluba minnu tikkostitwixxi dokument jew informazzjoni eżentata, iżda qal biss li ma setax jipprovdi l-informazzjoni mitluba għaliex ma kinitx miġbura b'mod li setgħet tingħata lill-appellata, ma hemm xejn irregolari jew kontra l-ispirtu tal-liġi li t-Tribunal għadda kopja tas-*sample documentation* li nġabet a konjizzjoni tiegħu lill-

appellata. Wara kollox l-appellata kellha dritt li tagħmel sottomissjonijiet dwar id-dokumenti ppreżentati quddiem il-Kummissarju, u għalhekk dawn id-dokumenti ma kellhomx jinżammu mistura minnha, għaliex kienu jammontaw għall-prova li r-raġuni mogħtija mill-appellant għalfejn it-talba tal-appellata ġiet miċħuda, ma kinitx veritiera. Għaldaqstant tqis lil anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**